Fil-Qorti tal-Magistrati Malta
Bhal Qorti ta' Gudikatura
Kriminali.

Magistrat Dr   Miriam Hayman LL. D.

Il-Pulizija
Spettur Carlo Ellul

vs

Ivan (John) Felice ta' 28 sena,
Iben Carmelo u Helen nee Zammit,
Imwieled Pieta' fis-6/02/1973 u joqghod
398, Triq il-Kanun, Santa Venera,
detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru
103573 (M).

Illum 8   ta'   Frar, 2002.

Il-Qorti

Rat l-akkuza fejn l'hawn fuq imsemmi Ivan (John) Felice gie akkuzat talli fil-Hamrun nhar id-9 ta' Jannar, 2001 ezattament fl-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe ghal PC 5 Eugenio Fenech waqt li dan kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, dan bi ksur tal-artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubbliku, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u talli hebb ghal persuna sabiex tingurja, iddejjaqha jew taghmlilha hsara, u cioe ghal Tania Felice, dan bi ksur tal-Artikoli 338 (dd), 338 (ee), u 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat  Generali biex din il-kawza tigi trattata  bi proceduri sommarji.

Rat li fl-interrogatorju wiegeb li hu m'ghandhux oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll li l-akkuzat wiegeb li mhux hati ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu. ( a fol 8).

Semghet ix-xhieda tal-persuni li kienu prezenti waqt l-allegat incident. Mix-xhieda ta' P.S. 86 Anthony Lia irrizulta li bejn l-akkuzat u martu hemm disgwid bejn il-kura ta' binhom. Skond dan ix-xhud fil-fatt qal li l-akkuzat kien anke rregistra lmenti dwar tbengil li kellha t-tarbija. Meta waslet l-omm l-ghassa u cioe mart l-akuzzat, dan ix-xhud qal li nonostante li l-akkuzat gie ordnat illi johrog barra mill-ghassa biex ma jinqalax inkwiet, hu prova jidhol fl-ghassa darbtejn. Qal dan ix-xhud "… l-akkuzat prova jidhol naqra bis-sahha u laqat lil P.C. 5 u dan habat ghonqu u widnjeh mal-bank …. U dak il-hin rajt ukoll il-badge ta' l-istess P.C. 5 li kellu fuq il-komma ttir u l-identification number ta' l-istess pulizija gratilha xi hsara wkoll u nghid li biex zammejnih nizzilnih fl-art" ( a fol 14). L-akkuzat gie mizmum minn dan ix-xhud, P.C.5 u WPC 149.

Taht ri-ezami qal ukoll li l-akkuzat kien inghata izjed minn ordni wahda biex ma jaccediex fl-ghassa, qal ukoll li l-akkuzat kien jidher inkwetat u ecitatat minhaba l-griehi sofferti minn ibnu.

P.S. 5 Eugenio Fenech xehed li wara li nqala xi incident bejn l-akkuzat u martu gewwa l-ghassa minhabba binhom, hu ra lis-surgent jordna lil Ivan Felice johrog barra mill-ghassa, dan hekk ghamel, pero' baqa' jargumenta ma' martu minn got-tieqa. Dan ix-xhud qal li hu ghalhekk hareg u qal lill-akkuzat biex jitlaq, haga li ghamel anke is-surgent. Qal dan is-surgent li hu biex jipproteggi lil mart l-akkuzat mar hdejn l-antiporta ta' l-ghassa u l-akkuzat ipprova jidhol fi kliemu " .. ghal kollox min fuqi". ( a fol 20). Qal li l-akkuzat ipprova jidhol u hu hatfu u waqghu it-tnejn flimkien u kif nizel dan ix-xhud habat widnejh mal-kantuniera, xorta baqa' jzomm lill-akkuzat. Gie certifikat li kellu griehi ta' natura hafifa.

In kontro ezami qal li l-akkuzat beda jindirrizza lil martu bi kliem bhal innpatihielek pero' qatt ma ndirizza lill-pulizija.

WPC Ruth Sammut xehdet li fuq struzzjonijiet tas-surgent PS86 Lia li kellhom biex l-akkuzat jinzamm barra l-ghassa. Xehdet li l-akkuzat bil-forza dahal go l-ghassa u qatta l-qmis u l-identification number ta' PC 5. Qalet li l-akkuzat imbotta lil PC 5, l-akkuzat waqa' ma' l-art u gibed il-qmis ta' l-istess kuntistabbli u qattaghlu l-badge u n-number. Qalet ukoll li qabel dan l-incident l-akkuzat kien moghti cirka tliet ordnijiet biex ma jidholx fl-ghassa, u li nonostante cio pprova jidhol kemm il-darba. Qalet ukoll li meta l-akkuzat nizel fl-art qabad ma' PC 5 u carratlu l-badge u l-identification number, u li l-akkuzat imbotta lil PC 5 ghax l-istess kuntistabbli pprova jwaqqghu biex ma jidholx, dan ghax kellu ordnijiet minghand is-surgent.

Xehdet ukoll Tania Felice mart l-akkuzat. Irrakkontat li minhabba xi tbengil fuq il-minuri binhom, meta marret l-ghassa biex tigbor lil binha minghand zewgha, dan

ma riedx jaghtihula. Spjegat kif binha spicca mbengel u qalet li l-ghajjat bejnha u bejn zewgha inqala' ghax hu beda jghidilha biex tiehu t-tifel ghand l-avukat biex turih it-tbengil, haga li kienet gia ghamlet. Qalet li PC 5 laqat widnejh ma' l-antiporta meta bblokka l-entratura ta' l-ghassa biex l-akkuzat ma jidholx fl-istess. Qalet li f'daqqa u l-hin zewgha rega' dahal ghaliha u s-surgent u l-pulizija zammewh u spiccaw ma' l-art. Ziedet li l-pulizija spiccaw sakkru lill-imputat go cella u wara hi ntbghtet lejn darha.

Jigi premess ukoll lli l-Ispettur Ellul ipprezenta wkoll sentenza fl-ismijiet Spettur D.Saliba u Spettur S. Valletta vs Ivan Felice et datata 22.01.01 dokument IF. Ma giet mressqa ebda prova tal-identita in konfront ta' l-imputat,. Pero jidher li l-ufficcjal prosekutur, it-tieni f'dan il-kaz, naqas li jinduna li l-Ufficcjal ta' qablu ghal xi raguni jew ohra kien irtira l-akkuza tar-recidiva (vide verbal 27.03.01) fatt dan li dwaru l-Ispettur Ellul ma setgha jaghmel xejn u stante l-prezentazzjoni tad-dokument IF llum huwa inspjegabbli.

Ikkonsidrat;

Illi minn dak kollu premess il-Qorti hija konvinta li l-akkuzat huwa hati ta' l-ewwel zewg akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 95, 96 u 338(dd), 338(ee) u 339(d) u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan illi r-reati kontravenzjonali u cioe Art 338(ee) u 339(d) huma komprizi u nvoluti fir-reati ga msemmija u tikkundannah ghal multa ta' hames mitt lira Maltija (Lm 500).

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.